MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2008

Rikors Numru. 95/2006

**John Farrugia**

**Vs**

**Fogg Insurance Agencies Ltd ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Mark Anthony Portelli abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-ligi u Mark Anthony Portelli u Zoqdi Hydro Rocks Construction Limited ghall kull interess li jista jkollha.**

**Il-Qorti:-**

Rat illi nhar is-s-sebgha w ghoxrin (27) ta' Marzu 2006 ir-rikorrenti John Farrugia pprezenta rikors mahluf fejn ippremetta s-segwenti:-

1. Illi permezz t'avviz prezentat fl-erbatax 14) ta' Settembru 2004 fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet " "**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-ligi u l-istess Mark Anthony Portelli vs John Farrugia f-ismu personali u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Zoqdi Hydro Rocks Construction Limited"** (Avviz Numru 491/2004SM), l-atturi (konvenuti fl-istanza odjerna), prevja kull dikjarazzjoni ta' responsabbilita skond il-ligi, talbu l-kundanna tal-konvenut (attur fil-kwalita tieghu personali fl-istanza odjerna) sabiex ihallashom is-somma ta' tlett elef mitejn u tlieta u tmenin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu (LM3,483.91) jew somma verjuri, 'n kwantu ghall-ammont ta' tlett elef mija u tmien liri Maltin u wiehed u disghin centezmu (LM3,108.91) jew somma verjuri lis-socjeta Fogg Insurance Agencies Limited noe ammont rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur Mark Portelli, assigurat taghha, u li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess socjeta attrici, w in kwantu ghas-somma ta' mija u sebghin liri Maltin (LM175) lill-attur Mark Anthony Portelli, ammont rapprezentanti '*excess payment*' skond il-polza t'assikurazzjoni, liema danni gew sofferti bhala rizultat tal-incident awtomobilistiku li sehh fis-sebgha w ghoxrin (27) t'Ottubru 2003 ghall-habta tan-nofs siegha ta' filghodu (00.30) gewwa Triq Hal Far, Ex Runway B'Bugia, li fih kienet involuta l-vettura bin-numru ta' registazzjoni MAP 777 proprjeta tal-attur Mark Anthony Portelli, liema incident, skond l-atturi, sehh minhabba xoghlijiet effettwati mill-konvenut b'mod negligenti w traskurat f'nofs it-triq in kwistjoni minghajr ebda sinjal jew identifikazzjoni skond il-ligi.

2. Illi permezz ta' sentenza moghtija fit-tnax (12) ta' Lulju 2005, il-Qorti tal-Magistrati laqghet it-talba bl-ispejjez (Dok. A).

3. Illi mill-atti tal-kawza jirrizulta li permezz ta' digriet taghha tat-tnax (12) ta' Mejju 2005 l-Onorabbli l-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet laqghet it-talba ta' l-atturi "ghan-notifika tal-konvenut f'ismu personali w ghan-nom w in

rapprezentanza ta’ “Zoqdi Hydro Rocks Construction Limited” permezz tal-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni fil-Gazetta tal-Gvern.

4. Illi n-notifika tal-esponenti fil-kwalita personali tieghu ma saritx skond kif stabbilit bl-Artikolu 187 (1) u (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Illi jirrizulta li l-affissjoni saret mal-fond “Zoqdi Garage”, Zona Industrijali, H’Attard u mhux fl-indirizz tar-residenza tal-esponent, li la huwa l-post tan-negozju jew tax-xoghol tal-esponent u lanqas l-indirizz postli tieghu.

6. Illi l-esponent jirrisjedi fil-fond ‘Amarige’, Triq Gdida fi Triq Bir Rikka, M’Xlokk u li ilu jirrisjedi hemm sa minn qabel is-sebgha w ghoxrin (27) t’Ottubru 2003 li kienet id-data tal-incident mertu tal-kawza.

7. Illi l-fond ‘St. Paul’s’, Triq Pierre Muscat, Rabat huwa r-*registered office* tas-socjeta “Zoqdi Hydro Rocks Construction Limited” (vide Dok. B)

8. Illi fl-erbatax (14) ta’ Settembru 2004, u cioe d-data tal-prezentata tal-avviz tal-kawza fl-ismijiet “Fogg Insurance Agencies Limited noe et vs John Farrugia pro et noe” Avviz Numru 491/2004SM, il-fond tar-residenza tal-esponent kien ‘Amargie’, Triq Gdida fi Triq Bir Rikka, M’Xlokk filwaqt li l-fond ‘St. Paul’s’, Triq Pierre Muscat, Rabat kien ir-*registered office* tas-socjeta “Zoqdi Hydro Rocks Construction Limited”.

9. Illi ghadha s-sitwazzjoni sa llum minghajr interuzzjoni kwalsiasi.

10. Illi kien biss fl-ewwel (1) ta’ Marzu 2006 li l-esponent sar jaf ghall-ewwel darba bis-sentenza tat-tnax (12) ta’ Lulju 2005 fil-kawza “Fogg Insurance Agencies Limited noe et vs John Farrugia pro et noe” [Avviz Numru 491/2004SM] meta l-Marixxal tal-Qorti, Louis Muscat mar biex jesegwixxi Mandat ta’ Qbid Ezekuttiv li jgib in-Numru 476/2006 (vide Dok. C) tal-atturi f’dik il-kawza kontra l-

esponent fid-dar tar-residenza tieghu u cioe ‘Amarige’, Triq Gdida fi Triq Bir Rikka M’Xlokk.

11. Illi qabel din l-okkazjoni l-esponent la kien notifikat bl-avviz tal-kawza, la kien qatt mgharraf bil-kawza u lanqas qatt deher ghas-smiegh tal-istess kawza.

12. Illi ghalkemm l-indirizz tar-residenza tal-esponent jirrizulta li huwa ‘Amarige’, Triq Gdida fi Triq Bir Rikka, M’Xlokk, anke mid-dokumenti ufficcjali tar-registrazzjoni tal-kumpanija “Hydro Rocks Construction Limited” mal-Awtorita ta’ Malta, is-Servizzi Finanzjarji e ghalhekk huma pubblici (vide Dok. B) jirrizulta mill-atti tal-kawza “Fogg Insurance Agencies Limited noe et vs John Farrugia per et noe” (Avviz Numru 491/2004S) li l-atturi f’dik il-kawza qatt m’ghamlu tentattiv sabiex jinnotifikaw lill-esponent bl-avviz tal-istess kawza fl-indirizz tar-residenza tieghu, u l-uniku darba li baghtu att gudizzjarju f’dak l-indirizz, kien il-Mandat ta’ Qbid Ezekuttiv bin-Numru 476/2006. In oltre, meta l-atturi f’dik il-kawza, gew biex jesegwixxu Mandat ta’ Sekwestru Ezekuttiv bin-Numru 477/2006 (vide Dok. D) kontra l-esponent, huma regghu ndikaw l-indirizz registrat tas-socjeta “Zoqdi Hydro Rocks Construction Limited” u mhux l-indirizz personali tieghu.

13. Illi ghalhekk hemm lok ghar-ritrattazzjoni tal-kawza abbazi tal-Artikolu 811(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Konsegwentement ir-rikorrent talab lil din l-Qorti sabiex:-

1. Tirrevoka u thassar is-sentenza ta’ din il-Qorti moghtija fit-tnax (12) ta’ Lulju 2005 fil-kawza fl-ismijiet **<u>“Fogg Insurance Agencies Limited noe et vs John Farrugia pro et noe”</u>** [Avviz Numru 491/2004SM] a tenur tal-Artikolu 811(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tordna r-ritrattazzjoni tal-istess kawza prevja d-debita notifika tal-attur skond il-ligi bl-att promotur tal-gudizzju.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti Fogg Insurance Agencies Limited noe u Mark Anthony Portelli li huma ngunti ‘n subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta konvenuta Fogg Insurance Agencies Limited fejn eccepiet is-segwenti:-

1. Illi n-notifika tal-attur illi saret fil-proceduri quddiem din l-istess Onorabbli Qorti kif preseduta u li ghaliha ghamel referenza l-attur fir-Rikors tieghu, kienet wahda valida, stante li saret ai termini ta’ l-Artikolu 187 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Illi ‘n oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-indirizz tal-fond illi fih saret l-affissjoni, kien l-uniku ndirizz li nghata lis-socjeta eccipjenti meta hija formalment talbet din l-informazzjoni minghand il-Pulizija, u dan skond ma jidher mid-dokument relattiv li kopja tieghu hi annessa w esebita w immarkata bhala Dok. DC 1.

3. Illi skond l-informazzjoni li kellha ghad-disposizjoni taghha s-socjeta eccipjent dak iz-zmien, ghall-incident de quo kien responsabbli “John Farrugia on behalf of Zoqdi Hydro Rocks of St. Paul’s”. Kien ghalhekk li s-socjeta eccipjenti pprocediet ghall-affissjoni fl-indirizz ta’ dina s-socjeta, stante li fl-ewwel lok, ma gie supplit l-ebda indirizz residenzjali ta’ John Farrugia mill-Pulizija, u fit-tieni lok kien logikament dezumibbli illi John Farrugia, galadarba kien jagixxi ghan-nom ta’ din is-socjeta, kellu konnessjoni diretta w intrinsika maghha.

4. Illi ‘n oltre, l-attur ghandu jaghti spjegazzjoni dwar kif, minkejja r-rwol li huwa ghandu fis-socjeta “Zoqdi Hydro Rocks Construction Limited”, huwa allegatament qatt ma sar jaf xejn dwar il-proceduri mertu tal-kawza odjerna.

5. Illi ghal kull buon fini w ghall-kompletezza, is-socjeta eccipjenti stqarret li meta waslet fi stadju ta’ esekuzzjoni tas-sentenza originali ta’ dina l-Onorabbli Qorti, hija ghamlet stharrig ulterjuri, a spejjez taghha biex

tiskopri l-indirizzi fejn setghet tezegwixxi t-titolu ezekuttiv taghha, u kien hemm biss illi saret taf bl-indirizz li ntuza ghan-notifika tal-Mandat li ghalih irrefera l-attur fir-rikors tieghu.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti esebiti mar-risposta tas-socjeta konvenuta, u cioe l-ittra mibghuta mill-pulizija ezekutiva lil Fogg Insurance datata sittax (16) ta' Mejju 2003, immarkata bhala Dok. DC 1, fejn hemm imnizzel li l-indirizz tas-socjeta "Zoqdi Hydro Rocks Construction Limited" huwa ir-Rabat u l-okkorenza mehuda mill-Pulizija nhar s-sebgha w ghoxrin (27) t'Ottubru 2002 markata bhala Dok. DC 2.

Illi nhar is-sebgha w ghoxrin (27) ta' Gunju 2007 xehed ir-rikorrenti **John Farrugia** u spjega li huwa kien azzjonist u Direttur tas-socjeta ntimata "Zoqdi Hydro Rocks Construction Limited" li llum tinsab in likwidazzjoni. Ikkonferma li l-indirizz registrat mal-MFSA ta' din is-socjeta huwa 'St. Paul's', Triq Pierre Muscat, Rabat waqt illi huwa jghix mal-familja tieghu fl-indirizz 'Amarige', Triq Bir ir-Rikka, M'Xlokk w ilu jghix hemm ghal dawn l-ahhar tnax-il sena.

Spjega illi n-negozju tas-socjeta li taghha huwa Direttur jigi gestit dejjem mill-ufficcju tar-Rabat u li f'Dicembru 2003 din is-socjeta waqfet topera u marret *in liquidation* tant li anke likwidatur gie appuntat. Mistoqsi jekk huwa jircevix il-korrispondenza tas-socjeta fid-dar tieghu M'Xlokk, huwa wiegeb fin-negattiv.

Stqarr li huwa sar jaf bil-kawza li giet deciza kontra tieghu u tas-socjeta minnu rapprezentata, meta darba minnhom, waqt li kien xoghol, cemplitlu l-mara u qaltlu li kien hemm xi Marixxalli tal-Qorti sabiex jesegwixxu xi Mandati li kellhom mill-Qorti. Huwa ghalhekk minnufih mar jiltaqa' maghhom u sar jaf bis-sentenza li giet deciza fil-konfront tieghu ghaliex gie muri l-karti relattivi minghand il-Marixxal w ghalhekk il-Mandat ta' Qbid Numru 476/06 imsemmi aktar 'l fuq, gie esgwit. Aktar tard sar jaf li gie ezegwit

ukoll Mandat ta’ Sekwestru numru 477/06 fuq il-flus tieghu personali li ghandu l-Bank.

Illi fl-istess seduta tas-sebgha w ghoxrin (27) ta’ Gunju 2007 xehdet mart ir-rikorrenti **Nathalie Farrugia.** Din spjegat li hija kienet taghmel xi xoghol t’*accounts* ghas-socjeta ta’ zewgha u cioe dik intimata “Zoqdi Hydro Rocks Construction Limited” u kienet titla l-ufficcju taghha ir-Rabat ta’ sikwit, gieli kuljum. Mistoqsija jekk l-ufficcju kienx jinzamm maghluq, spjegat li sa Dicembru 2003 dan kien jinfetah regolarment, izda wara li s-socjeta marret *in liquidation,* kien hemmhekk li l-ufficcju nghalaq.

Ikkonfermat dak li qal zewgha, li l-ufficcju tas-socjeta “Zoqdi Hydro Rocks Construction Limited” kien ir-Rabat filwaqt li hija kienet tghix ma zewgha w uliedha M’Xlokk.

Spjegat li darba minnhom kienet id-dar M’Xlokk u fid-daqqa w l-hin cempel il-bieb u sabet zewg Marixxali li xtaqu jezegwixxu Mandat ta’ Qbid fuq hwejjigha personali. Hija kienet sorpriza ghaliex ma kienet taf xejn dwar is-sentenza li nghatat w ghalhekk cemplet lil zewgha li mar fuq il-post minnufih. Illi skond parir moghti lilha mill-avukat taghha fuq it-telefon, hija ma setghetx twaqqaf il-Marixxali milli jezegwixxu l-Mandat li kellhom. Ghalhekk il-Mandat ta’ Qbid gie ezegwit fuq il-hwejjeg taghha personali li kien hemm fid-dar matrimonjali taghhom u sussegwentement saret taf li anke Mandat ta’ Sekwestru fuq il-kont bankarju taghha u ta’ zewgha, gie ezegwit.

Hija spjegat ukoll li hija qed issofri pregudizju kbir bl-ezekuzzjoni tal-Mandati u dan ghaliex, filwaqt li hija ghandha flus marbutin il-Bank bil-Mandat ta’ Sekwestru b’imghax baxx, hija qed thallas *loan* b’rata t’imghaxx ghola w in oltre, jekk il-Qorti tordna l-biegh in subbasta tal-oggetti maqbuda bil-mandat ta’ Qbid, hija ser tispicca minghajr l-effetti personali taghha fid-dar.

Il-Qorti rat ukoll id-dokumenti esebiti mir-rikorrenti, fosthom is-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta nhar tnax (12) ta’ Lulju 2005 fl-ismijiet **<u>Fogg Insurance Agencies Limited noe et vs</u>**

**<u>John Farrugia pro et noe</u>** [Avviz Numru 491/2004SM] markata bhala Dok. A.

Minn ezami ta’ dan id-dokument jidher li r-rikorrenti odjern kien kontumaci w ghalhekk it-talbiet tas-socjeta ntimata Fogg Insurance Agencies Ltd gew milqugha w ir-rikorrent gie kkundannat ihallasha s-somma ta’ Lm3,283.91 bl-ispejjes.

Rat id-dokument immarkat bhala Dok. B, li huwa estratt mehud mid-dokumentazzjoni mizmum mill-MFSA li jindika li r-rikorrenti verament ighix fil-fond ‘Amarige’, Triq Gdida fi Triq Bir ir-Rikka, M’Xlokk filwaqt li l-indirizz tas-socjeta intimata “Hydro Rocks Construction Company Limited” huwa ‘St. Paul’s’, Triq Pierre Muscat, Rabat.

Rat id-dokument immarkat bhala Dok. C, li huwa kopja tal-Mandat ta’ Qbid Ezekuttiv Numru 476/06 mahrug fl-ismijiet ‘Fogg Insurance Agencies Limited pro et noe vs John Farrugia et’ ghas-somma globali ta’ LM3,881.19.

Minn ezami ta’ dan id-dokument jirrizulta li l-Mandat ta’ Qbid in kwistjoni gie esegwit fir-residenza tar-rikorrenti fuq effetti mmobiljari taghhom, fosthom xi salott, gradenza u xi mejda.

Rat id-dokument immarkat bhala Dok. D, li huwa Mandat ta’ Sekwestru mahrug fl-istess ismijiet ta’ **<u>Fogg Insurance Agencies Limited pro et noe vs John Farrugia et</u>** fis-somma ta’ Lm3,881.19 fuq il-kontijiet bankarji tar-rikorrenti.

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif preseduta nhar l-ghaxra (10) ta’ Lulju 2007 fl-ismijiet premessi **“<u>John Farrugia vs Fogg Insurance Agencies Ltd et”</u>** (Rikors Numru 95/2006CSH), fejn ordnat it-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza moghtija nhar it-tnax (12) ta’ Lulju 2005 fl-ismijiet **<u>Fogg Insurance Agencies noe et vs John Farrugia pro et noe</u>**” fil-konfront ta’ l-istess rikorrenti u dan sakemm tigi deciza il-kawza odjerna dwar ritrattazzjoni.

Illi nhar id-dsatax (19) ta' Settembru 2007 xehdet **Audrey Ghigo** in rapprezentanza tal-Bank u dan wara li giet ezentata mis-sigriet bankarju taghha. Hija kkonfermat li John Farrugia ghandu tlett kontijiet personali mal-Bank, wiehed *Savings,* li infetah fl-ghaxra (10) ta Lulju 1997, iehor *Current Account,* li infetah fit-tletin (30) ta' Lulju 1994 u *Visa Card*, ilkoll registrati fuq l-indirizz 'Villa Amarige', Triq Bir Rikka M'Xlokk. Stqarret li hemm ukoll *home loan* registrat fuq isem John Farrugia u martu Nathalie fl-indirzz gja moghti taghhom.

**Emerisiana Agius** xehdet nhar id-dsatax (19) ta' Settembru 2007 u dan in rapprezentanza tad-Direttur tal-Ufficcju Elettorali. Qalet li giet mitluba sabiex taghti nformazzjoni u tghid fejn hu registrat li jghix John Farrugia ta' karta tal-identita numru 44217(M). Hija kkonfermat li huwa registrat fl-indirizz fuq imsemmi gewwa Triq Bir Rikka, M'Xlokk. Qalet li fit-tnejn (2) t'Ottubru, din it-Triq Bir Rikka, kienet maghrufa bhala Triq Gdida fi Triq Bir Rikka.

**Maria Theresa Busuttil** xehdet ukoll in rapprezentanza tal-Bank u tat informazzjoni dwar il-kontijiet li ghandu ir-rikorrenti John Farrugia. Qalet li huwa ghandu kontijiet f'ismu, flimkien ma martu Nathalie, u dawn infethu fit-tnejn (2) t'Awissu 1997 fl-indirizz 'Amarige', Triq Qantar M'Xlokk. Hemm ukoll kont iehor f'isem John Farrugia wahdu, li huwa registrat fir-residenza 'Mikador', Triq Bir Rikka, M'Xlokk.

**Nathalie Farrugia** mart r-rikorrenti John Farrugia, xehdet nhar it-tmienja (8) ta' Novembru 2007 w esebiet ir-ricevuti mahruga mill-Inland Revenue Department f'isem zewgha John Farrugia bl-indirizz fejn joqghodu gewwa M'Xlokk u dawn gew immarkati bhala Dok. JZ u jkopru is-snin 2000 sas-sena 2007. Ikkonfermat ukoll li zewgha jiggestixxi n-negozju mid-dar u li s-socjeta "Zoqdi Hydro Rocks Construction Limited" tinsab fi stat ta' likwidazzjoni.

Illi nhar it-tmintax (18) ta' Frar 2008 hija pprezentat kopja legali t'ittra ufficcjali datata tnejn w ghoxrin (22) t'Ottubru 2003 li giet immarkata bhala Dok. F 1, u t'avviz li gie mmarkat bhala Dok. F 2. L-ittra ufficjali hija ffirmata mill-

avukat difensur tar-rikorrenti u hemm indikat bhala residenza tas-socjeta “Hydro Rocks Construction Limited” dik ta’ “St. Pauls”, Triq Pierre Muscat, Rabat. Fl-avviz immarkat bhala Dok. F 2, l-indirizz tas-socjeta “Hydro Rocks Limited” huwa wkoll indikat gewwa r-Rabat.

Illi nhar l-erbgha (4) ta’ Marzu 2008 xehdet **WPC 155 R. Abela** w ipprezentat l-okkorenza dwar incident awtomobilistiku li sehh nhar is-sebgha w ghoxrin (27) t’Ottubru 2002 fi Triq Hal Far Ex Runway, B’Bugia. Ir-rikorrenti John Farrugia f’isem “Zoqdi Hydro Rocks Construction Limited” kien il-kuntrattur inkarigat mix-xoghlijiet li kienu qed isiru u l-indirizz li kellhom il-pulizija ta’ din is-socjeta, huwa dak tar-Rabat.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bic-car li r-rikorrenti John Farrgia ma kienx gie notifikat skond kif stabbilit fl-artikolu 187(1) u (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan ghaliex in-notifika tal-avviz promotur sar permezz tal-procedura ta’ affissjoni fl-indirizz ‘Zoqdi Garage’, Zona Industrijali, H’Attard . Tali indirizz la hu l-indirizz tar-rikorrenti, la hu l-indirizz ufficcjali tas-socjeta “Hydro Rocks Construction Limited” u lanqas ma jirrizulta li huwa l-indirizz tal-post tax-xoghol tieghu. Illi mid-dokumentazzjoni esebita li hija ampja, ir-rikorrenti kien ighix M’Xlokk, filwaqt li l-indirizz ufficcjali tas-socjeta minnu rapprezentata, kien ir-Rabat kif del resto jirrizulta mid-Dok. B esebit fl-atti. Ghalhekk m’hemmx dubbju li tali notifika tas-smiegh ta’ l-avviz u bil-kawza ma sarx skond il-ligi.

Illi minn ezami tas-sentenza esebita ma jirrizultax li r-rikorrenti qatt deher ghal xi udjenza, anzi jirrizulta li kien kontumaci.

Ghalhekk jirrizultaw ic-cirkostanzi kontemplati fis-sub inciz (b) tal-Artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta fis-sens li r-rikors guramentat tas-socjeta Fogg Insurance Agencies Limited ma kienx gie notifikat lir-rikorrenti, li huwa l-parti telliefa fil-kawza, u kien ghalhekk li l-istess

rikorrenti ma deherx biex jiggustifika l-kawza li kienet gietipprezentata fil-konfront tieghu.

**Ghaldaqstant il-Qorti qieghda filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati, qieghda tilqa it-talbiet rikorrenti, fis-sens li qieghda tirrevoka u thassar is-sentenza ta' din il-Qorti moghtija fit-tnax (12) ta' Lulju 2005 fil-kawza fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited noe et vs John Farrugia pro et noe" [Avviz Numru 491/2004SM] a tenur ta' l-Artikolu 811(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna r-ritrattazzjoni tal-istess kawza prevja d-debita notifika tal-attur skond il-ligi bl-att promotur tal-gudizzju.**

**L-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni ghandhom jithallsu mis-socjeta Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom w in rapprezentanza tas-socjeta estera Norwich Union International Insurance Limited.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------